

# L-GĦAR-KNISJA TAL-ANNUNĊJAZZJONI TAL-VERĠNI MARIJA F'NAZARET

*Noel Muscat ofm*

*Għerien-Knejjes fl-Art Imqaddsa (I)*

Fl-Art Imqaddsa hemm diversi Santwarji li huma mibnijin madwar jew fuq għerien naturali li juru wkoll intervent uman bil-bini ta' gorboġ quddiemhom. Huma xhieda tal-ħajja trogloditika tal-abitanti tal-Palestina ta' żmien Ġesù. Dan kollu m'għandux għax iġegħelna niskantaw, għax nafu li insedjamenti trogloditiċi kienu komuni fir-reġjun tal-Mediterran, inkluż f'pajjiżna, fejn għadna ngħożżu eżempji ta' dawn l-irħula ġo għerien fl-għoljiet u l-irdumijiet. Ma' dawn l-insedjamenti nsibu wkoll fdalijiet ta' postijiet ta' kult taħt forma ta' knejjes fl-għerien, l-aktar meta dawn kienu marbutin ma' komunitajiet monastiċi jew ta' eremiti, jeww inkella, bħal fil-każ tal-Art Imqaddsa, ma' tifkiriet importanti tal-ħajja ta' Kristu u tal-Verġni Marija.

Se nibdew din is-sensiela ta' artikli billi nitkellmu dwar l-għar-knisja tal-Annunċjazzjoni f'Nazaret, li hu meqjum sal-lum bħala l-post fejn il-Verġni Marija kellha t-tħabbira tal-anġlu Gabrijel kif rakkontata minn Luqa 1,26-38. L-għarfien tagħna dwar il-bidu ta' dan is-Santwarju hu possibbli minn studji u riċerki arkeoloġiċi li saru, l-aktar bil-ħidma tal-mibki arkeologu Franġiskan tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm, Patri Bellarmino Bagatti (1905-1990), li mexxa l-iskavi ta' Nazaret mill-1955 sal-1971.

## L-Għar-Knisja fil-kuntest tar-raħal ta' żmien Ġesù

Għalkemm il-Vanġeli jsejħu lil Nazaret bl-isem ta' *pólis* (belt), nafu mill-iskavi li saru li kienet biss raħal żgħir u insinjifikanti. Il-kliem ta' Natanjel f'Ġw 1,45 jesprimu dan b'mod ċar: "Tista' toħroġ xi ħaġa tajba minn Nazaret?"

San Luqa joffrilna deskrizzjoni topografika tar-raħal meta jikteb: "Meta semgħu dan fis-sinagoga kulħadd imtela bil-korla; qamu, u ħarġuh 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer



*Ċelebrazzjoni fil-livell tal-għar*

ta' rdum tal-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel" (Lq 4,28-29). Din id-deskrizzjoni turina li r-raħal ta' Nazaret kien mibni mal-ġenb ta' rdum li taħtu kien hemm wied, mela post ideali li fih kienu jinsabu l-għerien li kienu jiġu utilizzati bħala abitazzjoni għan-nies u l-bhejjem domestiċi.

Il-Vanġeli jitkellmu minn żewġ għerien-djar partikulari fir-raħal. Id-dar ta' Marija, li fiha kienet toqgħod qabel iż-żwieġ tagħha ma' Ġużeppi, u fejn seħħet il-ġrajja tal-Annunċjazzjoni, tissemma b'mod espliċitu f'Lq 1,56: "Marija baqgħet ma' Elizabetta għal xi tliet xhur, u mbagħad reġgħet lura lejn darha (*eis tòn oikon autēs*). Id-dar ta' San Ġużepp tiġi murija bħala dar distinta minn Mt 1,18: "Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu."

Mill-Vanġeli naraw kif l-għar-dar ta' Marija hu distint mill-għar-dar ta' Ġużeppi, b'tali mod li matul is-sekli dejjem kienu jeżistu żewġ Santwarji distinti, wieħed iddedikat lill-Annunċjazzjoni u l-ieħor lill-Familja mqaddsa, dejjem fl-istess kuntest ġeografiku tar-raħal ta' Nazaret kif kien fl-1 seklu u kif ħareġ mill-iskavi ta' Patri Bagatti.

In-nies li kienu jgħixu bħala komunità f'dan ir-raħal kienu jinkludu l-qraba ta' Ġesù, hekk li Mt 13,54 jikteb: "[Ġesù] mar lejn pajjiżu. Beda jgħallem fis-sinagoga tagħhom." Jidher ċar li n-nies ta' Nazaret li fihom hu interessat l-evanġelista kienu l-qraba ta' Ġesù. Dawn l-aħwa tal-Mulej (Mt 12,46: "ħutu") huma indikati b'isimhom: "Dan m'huwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu m'hijiex dik li jisimha Marija, u ħutu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda?" (Mt 13,55). Dawn il-persunaġġi, li jidhru minn xi daqqiet favorevoli għal Ġesù u drabi oħra pjuttost ostili lejh, huma meqjusin li kienu jiffurmaw l-ewwel komunità ta' Lhud-Insara f'Nazaret, għalkemm hu diffiċli li niddistingwuhom b'mod ċar mir-riferimenti għall-ismijiet tagħhom fil-Vanġeli.


*Dehra ta' Nazaret fil-qedem - l-Għajn tar-raħal*

## Il-fonti letterarji tal-ewwel sekli dwar il-komunità Lhudija-Kristjana madwar l-Għar-Knisja tal-Annunċjazzjoni

Il-kitba apokrifa magħrufa bħala *Protovanġelu ta' Ġakbu*, miktuba fit-2 seklu fil-kuntest tal-komunità Lhudija-Kristjana fil-Palestina titkellem dwar Marija u t-tifkiriet tal-Annunċjazzjoni. Hi tqiegħed il-fatt f'żewġ postijiet distinti, fuq l-għajn u fid-dar, imma titkellem minn Ġerusalemm u qatt mill-Galilija, billi ssostni li Marija trabbiet u ġiet ikkonsagrata lil Alla fit-Tempju. Il-komunità Lhudija-Kristjana kellha interess teoloġiku aktar milli storiku. Bl-iżvilupp tal-komunità Ġentili-Kristjana (jiġifieri l-komunità ta' Kristjani li kienu kkonvertew mill-paganeżmu) iż-żewġ fatti jiġu murija l-ewwel fl-għajn tar-raħal (fejn illum hemm il-knisja Griega-Ortodossa ta' San Gabrijel) u fid-dar tal-Verġni Marija, l-għar-knisja tal-Annunċjazzjoni.

Kitbiet oħrajn apokrifi segwew il-*Protovanġelu ta' Ġakbu*, fosthom il-*Vanġelu tal-Psewdo-Mattew*, il-*Vanġelu ta' San Tumas*, u l-i*Storja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa*. Din tal-aħħar ġejja minn dokument bil-lingwa Kopta u tqiegħed fuq fomm Ġesù r-rakkont tal-mewta qaddisa ta' missieru Ġużeppi. Din il-kitba apokrifa tħallat flimkien ir-rakkont ta' Luqa ma' dak tal-*Protovanġelu ta' Ġakbu*, u turi li, wara li Ġużeppi ġie lura mill-Eġittu fejn kien ħarab mal-Familja Imqaddsa, hu mar joqgħod Nazaret, imma li qabel miet mar jitlob fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Miet f'Nazaret fejn ġie midfun fil-qabar tal-familja. It-tradizzjoni ta' "qabar ta' San Ġużepp" għadha murija f'qabar Lhudi *khokim* (għamla ta' forn) li hemm fil-kunvent tas-Sorijiet ta' Nazaret.

Il-"qraba tal-Mulej" kellhom importanza kbira fl-ewwel seklu, kemm f'Ġerusalemm, fejn jissemmew minn Luqa fl-Atti tal-Appostli 1,4, kif ukoll fil-Galilija. F'Ġerusalemm Ġakbu "ħu l-Mulej" ngħata t-tmexxija tal-Knisja sa ma miet martri fis-sena 62, u warajh mexxa l-Knisja Xmun, li miet martri fil-persekuzzjoni ta' Trajanu (98-117).

Fil-każ ta' Nazaret l-istorja tal-komunità jirrakkontaha l-istoriku Eġesippu (115-185), li kien midħla tal-komunità Lhudija-Kristjana tar-raħal, u li jgħid li l-"qraba tal-Mulej" għexu hemmhekk għal madwar żewġ sekli, speċjalment id-dixxendenti ta' Ġuda, wieħed mill-"aħwa" ta' Ġesù. Il-*Kostituzzjonijiet Apostoliċi* (VII,46) jagħmlu minn Ġuda t-tielet isqof ta' Ġerusalemm, u jsejħulu "Ġuda ta' Ġakbu", għalkemm l-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija jgħid li t-tielet isqof kien jismu "Iustus".

Kien Eġesippu li tana r-rakkont li wasal għandna


*Il-mewt ta' San Ġużepp - Jacques Stella - Mort de Saint Joseph*

permezz ta' Ewsebju ta' Ċesarija fit-tielet kapitlu tal-*Historia Ecclesiastica*, u li jitratta dwar kif iż-żewġ ulied ta' Ġuda, Zoker u Ġakbu, li kienu bdiewa, tressqu quddiem l-Imperatur Domizjanu (81-96) mixlijin li kienu dixxendenti ta' David. L-Imperatur staqsihom x'kien ix-xogħol tagħhom, u huma wieġbu li kienu bdiewa li kellhom xi għelieqi u wrewh il-kallijiet ta' idejhom bħala prova tax-xogħol iebes ta' bdiewa. L-Imperatur staqsihom dwar Kristu u s-saltna tiegħu, u huma weġbuh li din ma kinetx saltna tal-art imma tas-sema. Fuq dan il-kliem li wera li ma kinux perikolużi għall-istituzzjoni Rumana, Domizjanu tahom il-ħelsien. Eġesippu jgħid li huma saru kapijiet tal-knejjes, u kienu martri u qraba tal-Mulej li għexu sa żmien Trajanu.

Nazaret ma kinetx tidher fil-lista ta' sedi ta' isqfijiet, imma dan għaliex dawn il-listi normalment kienu jsemmu biss l-isqfijiet ġejjin mill-komunitajiet Ġentili-Kristjani. Sant'Epifanju jgħidilna li l-Ebjoniti (setta eretika ta' Lhud-Kristjani) kellhom l-isqfijiet tagħhom, u x'aktarx anke l-komunitajiet ta' Nazarentani. Imma f'Tiberija kien hemm isqof Lhudi-Kristjan, u kien minn hemm li kien il-Konti Ġużeppi ta' Tiberija (c.285 - c.356), esponent importanti tal-komunità Lhudija-Kristjana.

Fost il-"qraba tal-Mulej" jissemma Konon, li miet martri fl-Asja Minuri. Martirizzat waqt il-persekuzzjoni ta' Deċju (249-251) huwa stqarr li kien minn Nazaret fil-Galilija u mill-familja ta' Kristu li lilu kien iqim.

## L-Għar-Knisja tal-Annunċjazzjoni fl-era Biżantina (sekli 4-7)

X'aktarx li f'Nazaret kienet diġà teżisti knisja minn żmien l-Imperatur Kostantinu, li miet fis-sena 337. Il-pellegrina Egeria, li żaret l-Art Imqaddsa fis-sena 384, fid-djarju tagħha ssemmi biss għar kbir fejn kienet għexet Marija u fejn kien hemm altar.

Fl-*Onomasticon*, Ewsebju ta' Ċesarija jikteb: "Nazaret, li minnha Kristu issejjaħ Nażri, u li fiha hemm Nazzareni li llum huma Kristjani, tinsab fil-Galilija,

*Il-Bażilika tal-Annunċjazzjoni*



xi 15-il mil fuq il-lvant tal-Għolja tat-Tabor."

San Ġlormu jsejjaħ lil Nazaret *viculus*, jiġifieri raħal. Ma jsemmi l-ebda knisja, anke jekk nafu li kien jeżisti l-għar-knisja, imma jgħid li Nazaret hi "l-warda tal-Galilija u dik li mantniet lil Kristu" (*nutricola Christi*).

San Epifanju jikteb li Ġesù ġie edukat fil-belt ta' Nazaret "li llum hi raħal, fid-dar ta' Ġużeppi."

Il-Pellegrin ta' Bordeaux, li żar il-Palestina fis-sena 333, wara l-editt ta' Kostantinu, jitkellem mill-bażiliċi li nbnew fil-Lhudija "bi kmand ta' Kostantinu", imma ma jsemmi xejn fil-Galilija. Dan għaliex fil-Galilija kien għad hemm preżenza qawwija Lhudija-Kristjana, filwaqt li l-knejjes Biżantini nbnew fejn kien hemm komunitajiet Ġentili-Kristjani.

L-aħjar deskrizzjoni ta' Nazaret fi żmien il-Biżantini waslitilna mill-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza, li żar ir-raħal fis-sena 570. Hu jgħid li d-"dar ta' Marija" kienet ġiet trasformata fi knisja-bażilika (*Domus sanctae Mariae basilica est*). Isemmi wkoll sinagoga tal-Lhud li fiha tgħallem Ġesù tfajjel. Il-fatt li l-għar-knisja kien inbidel fi knisja bażilika juri li għadda f'idejn il-Ġentili-Kristjani, u li dan il-fatt nissel firda bejn iż-żewġ komunitajiet insara ta' Nazaret. L-Anonimu wkoll isemmi r-relikwa tas-sedja ta' Marija li fuqha kienet tinseġ meta ġie għandha l-anġlu, kif jirrakkonta l-*Protovanġelu ta' Ġakbu*. Imma din ir-relikwa jsemmiha mhux f'Nazaret imma fil-belt ta' Sefforis, ftit mili bogħod. Ma jgħid xejn dwar id-"dar ta' San Ġużepp", imma dan ma jfissirx li ma kinetx teżisti, għax forsi kienet għadha f'idejn il-Lhud-Kristjani u għalhekk l-Anonimu ma jsemmihiex. Il-komunità Lhudija-Kristjana tkeċċiet definittivament minn Nazaret wara s-sena 630 mill-Imperatur Biżantin Heraclius, li kien sema' kemm il-Lhud kienu ppersegwitaw lill-Kristjani waqt l-invażjoni tal-Persjani tas-sena 614, meta nqerdu ħafna knejjes Biżantini.

Mis-sena 638 nidħlu fl-ewwel perjodu ta' ħakma Islamika fil-Palestina. Billi l-oġġett tar-riflessjoni tagħna hu l-għar-knisja tal-Annunċjazzjoni, nerġgħu nirritornaw għalih b'attenzjoni akbar, biex naraw f'liema sens nistgħu nsejħulu "għar-knisja" f'dan l-ewwel perjodu li fih kien proprjetà tal-komunità Lhudija-Kristjana.

## L-Għar-Knisja jew Grotta tal-Annunċjazzjoni

L-iskavi mwettqin minn Patri Bellarmino Bagatti tawna ż-żona arkeoloġika li naraw illum inglobata fil-Bażilika tal-Annunċjazzjoni. Dawn l-istrutturi arkeoloġiċi huma marbutin ma' tliet binjiet sovrapposti, jiġifieri l-fdalijiet ta' knisja-sinagoga quddiem l-Għar li jindika d-dar ta' Marija u l-post tal-Annunċjazzjoni, il-fdalijiet ta' knisja Biżantina fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-Għar, u l-ħitan tal-knisja kattidrali Kruċjata mibnija wara li l-Prinċep Tancredi ħa f'idejh Nazaret fl-1102.

Fil-kuntest ta' dak li qegħdin ngħidu dwar l-Għar-Knisja tal-Annunċjazzjoni, iż-żona tal-kult li kienet tinsab eżattament barra mill-Għar imqaddes kienet ċentru tal-komunità Lhudija-Kristjana ta' Nazaret. Għaldaqstant, bħal fil-każ ta' siti oħrajn, bħalma hu Kafarnahum jew iċ-Ċenaklu, l-arkeoloġi jitkellmu minn binja li kienet pjuttost sinagoga Lhudija-Kristjana aktar milli knisja. Fil-fatt, il-kelma knisja tindika binja li tmur lura għall-era Biżantina. Fl-ewwel 3 sekli tal-Kristjaneżimu, il-postijiet tal-kult insara fil-Palestina kellhom struttura sempliċi ta' dar-knisja (*domus ecclesia*), li fil-każ tagħna rajna li kienet ukoll għar-knisja, jiġifieri struttura ta' għar naturali abitat li nbidel f'post ta' kult. Ma' dan in-nukleu oriġinali kien jiżdied spazju akbar għall-komunità, li billi kienet ġejja minn matriċi Lhudija, kienet tesprimi l-binja tal-ġemgħa taħt il-forma tipika ta' sinagoga. Insejħulha sinagoga-knisja

biex niddistingwuha mis-sinagoga Lhudija normali fejn kienet tiltaqa' l-ġemgħa tal-Lhud li ma kinux ikkonvertew għall-Kristjaneżimu.

Id-dar qaddisa jew għar-knisja tal-Madonna kienet tinsab fuq il-wiċċ tar-rdum li kien jixref fuq il-wied f'direzzjoni mit-tramuntana għan-nofsinhar. Meta nbniet il-knisja-sinagoga quddiem l-għar l-arkitetti kienu mġegħelin li jneħħu l-istruttura tal-ġebel li kienet tinsab quddiem id-dar qaddisa. L-għar-knisja li llum insejħulha l-Grotta tal-Annunċjazzjoni tippreżenta ruħha bħala għar ta' forma pjuttost tonda, li fih għad hemm ħjiel tal-blat oriġinali, li partijiet minnu ġew miksijin minn ġebel. Id-dispożizzjoni attwali tal-għar hi frott tar-restawri li kienu għamlu l-Kruċjati, u allura tmur lura għall-medjuevu. Meta l-Kruċjati riedu jibnu l-bażilika kbira li fadal minnha diversi partijiet, l-aktar il-ħajt u l-pilastri tan-naħa tat-tramuntana, huma riedu jdaħħlu l-Grotta mqaddsa fin-navata tat-tramuntana. Għaldaqstant kellhom bżonn li jweżnuha b'kolonni li għadhom f'posthom sal-lum. Il-fatt li l-Grotta kienet ukoll imweżna minn pilastru kbir kwadru li kien tqil ħafna jiġi spjegat mill-fatt li fis-saqaf tal-għar tħaffru xi toqob biex minnhom jinżlu l-kolonni tal-granit sal-art biex isaħħu l-istess volta tal-għar.

Il-kamra tal-għar-knisja llum tippreżenta ruħha bħala kamra tonda irregolari, li għandha abside jħares lejn il-lvant. Il-għar hu 5.50 metri mit-tramuntana għan-nofsinhar u 6.14 metri mil-lvant għall-punent.

Deskrizzjoni tajba tal-għar-knisja jew Grotta tal-Annunċjazzjoni jagħtihielna FRANCISCUS QUARESMIUS, *Terrae Sanctae Elucidatio*, Vol. II, Venetiis 1881, Lib. VII, 620: "Qabel xejn hemm l-għar imħaffer fil-blat […] fuq ix-xaqliba tat-tramuntana, nofsinhar u punent hu mwieżen minn ħitan antiki. Fin-naħa tan-nofsinhar hemm l-altar maġġur, dedikat lill-Annunċjazzjoni tal-imqaddsa Verġni Marija. Il-binjiet l-oħrajn saru riċentement wara li rġajna ksibna lura l-Post Qaddis. Quddiem l-altar jew il-volta tal-kappella, kemmxejn lejn in-nofsinhar, wieħed jara żewġ kolonni tar-rħam ta' lewn griż, x'aktarx skuri. L-ewwel kolonna, li tinsab ġewwa l-għar, hi dritta, imma mingħajr bażi, u mdendla mis-saqaf. Hi bogħod mill-kolonna l-oħra xi ħamest ixbar. It-tieni kolonna hi sħiħa u tinsab fin-nofs. Din hi msejħa l-kolonna tal-Verġni Marija, għax hemm il-fidi devota li l-Verġni mqaddsa kienet tinsab f'dan il-post meta l-anġlu ġie jsellmilha [...] Il-kappella għandha forma kwadra; ma tantx hi għolja, u hi miksija bl-istess blat.


San Epifanju

Fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar hi magħquda ma' kappella oħra, li hi aktar għolja, tawwalija u mibnija b'mod aktar regolari: illum din tissejjaħ il-kappella tal-anġlu."

## Il-Knisja-Sinagoga quddiem l-Għar tal-Annunċjazzjoni

Diġà tkellimna dwar l-importanza tal-komunità Lhudija-Kristjana tal-Galilija u dwar il-postijiet ta' kult li kienu jintużaw minnha. Meta saru l-iskavi quddiem l-għar-knisja tal-Annunċjazzjoni u taħt il-fdalijiet tal-bażilika Biżantina (li tagħha għadna naraw l-abside u ħajt tawwali quddiem l-altar attwali) nstabu diversi elementi li jindikaw li ż-żona ta' taħt il-knisja Biżantina kienet sinagoga-knisja tal-Lhud Insara.

L-istudji tal-arkeoloġi Franġiskani wrew li x'aktarx quddiem il-għar-knisja kienet inbniet kolonnata li kienet tifred is-sinagoga-knisja, fuq livell aktar għoli, miż-żona tal-"kappella tal-anġlu" u tal-Grotta nnifisha,

li kienu jinsabu f'livell aktar baxx. Naturalment din it-teorija hi bbażata fuq evidenza arkeoloġika, imma ma hemmx ċertezza dwar kif kienet jew dwar il-pjanta tas-sinagoga-knisja, li kienet tkopri, bejn wieħed u ieħor, iż-żona li fiha llum hemm l-altar tal-bażilika inferjuri bl-art ta' madwaru.

It-tentattivi li tingħata datazzjoni għas-sinagoga-knisja teħodna lura għal epoka pre-Biżantina li fiha, kif għidna, l-postijiet ta' kult fil-Palestina kienu ta' għamla sinagogali, billi l-komunità Kristjana kienet dik Lhudija-Kristjana.

Rigward id-datazzjoni hu diffiċli li jkollna xi ċertezzi mill-iskavi li saru, billi diversi binjiet, waħda fuq l-oħra, matul is-sekli biddlu għal kollox il-fiżjonomija oriġinali tas-sit. Imma għandna għajnuna f'xhieda mill-isbaħ li jagħtina San Epifanju, Isqof ta' Salamina f'Ċipru (315-403), li kien ġej minn Eleutheropolis (Beth Guvrin), u allura kien mill-Art Imqaddsa. Hu jagħti din ix-xhieda fl-opra tiegħu *Adversus haereses*, datata 374-377.

F'din l-opra Epifanju jintroduċi l-figura ta' Ġużeppi ta' Tiberija, li bil-moħbi fetaħ it-teżori tal-patrijarka Ġuda IV, u flok flus sab il-Vanġelu ta' San Ġwann tradott bl-Ebrajk mill-Grieg oriġinali, l-Atti tal-Appostli u l-Vanġelu ta' San Mattew. Dan kien biżżejjed biex Ġużeppi kkonverta għall-Kristjaneżimu fis-sena 330. Epifanju sar jaf lil Ġużeppi ta' Tiberija f'Scitopoli (Beth Shean). Epifanju jirrakkonta kif dan Ġużeppi, konti ta' Tiberija, rnexxielu jibni knisja żgħira f'Tiberija, u mbagħad mar joqgħod Scitopoli. Isemmi li bena xi knejjes f'Scitopoli u Diocaesarea (Sefforis), imma sal-lum ma nafux fejn kienu.

Li nafu żgur hu li dan Ġużeppi kien attiv fil-każ tal-knisja ta' Kafarnahum. L-arkeologu Franġiskan Virgilio Corbo sab id-"dar ta' San Pietru" f'Kafarnahum, li sa mill-ewwel seklu


*Knisja San Gabrjel Nazareth*

kienet ġiet trasformata f'*domus-ecclesia* mill-Lhud-Kristjani tal-post. Fis-seklu 4, Ġużeppi ta' Tiberija fired id-dar qaddisa mill-bini ta' madwarha u dawwarha b'ħajt li għadna narawh sal-lum taħt il-Memorjal ta' San Pietru. Lejn nofs is-seklu 5, bil-bidla tal-komunità Lhudija-Kristjana fi Knisja ġejja mill-Ġentili-Kristjani, id-dar ta' Pietru ġiet midfuna taħt knisja kbira Biżantina ta' forma ottagonali. Kien taħt il-paviment mużajkat ta' din il-knisja, li l-ħitan tagħha wkoll għadhom jidhru, li nstabu l-fdalijiet tad-dar ta' Xmun Pietru bid-*domus-ecclesia* primittiva.

Dan qed ngħiduh għax f'Nazaret ġara eżattament l-istess bħalma ġara f'Kafarnahum. Il-konservazzjoni tal-għar-knisja jew "dar tal-Verġni Marija" kienet żgurata bil-preżenza tal-"qraba tal-Mulej" li kienu baqgħu jgħixu madwar dan il-post qaddis mhux biss sas-seklu 3, imma saħansitra sat-trasformazzjoni li saret mill-konti Ġużeppi ta' Tiberija li x'aktarx kien dak li ħa l-inizjattiva li jibni s-sinagoga knisja quddiem il-Grotta tal-Annunċjazzjoni.

It-trasformazzjoni tal-għar ċkejken fil-*Martyrium*, li sar ftit wara l-martirju ta' Konon (249-251), li kien wieħed mill-"qraba tal-Mulej", ikompli jixhed għall-preżenza tad-dixxendenti tal-Mulej fid-dar tal-Verġni Marija. Billi sparixxew l-istrutturi tal-ġebel li kien hemm quddiem l-għar-knisja tal-Verġni Marija, ma għandna l-ebda dokumentazzjoni arkeoloġika oħra għall-ewwel 4 sekli ħlief l-istess għerien venerati.

Bl-intervent arkitettoniku li għamel il-Konti Ġużeppi ta' Tiberija tibda l-istorja tal-binjiet sagri madwar il-Grotta tal-Annunċjazzjoni, storja li baqgħet nieżla sa żminijietna. Irridu nuru, iżda, li bħal fil-każ ta' Kafarnahum, il-Konti Ġużeppi ma beniex xi knisja, imma baqa' fidil għat-tradizzjoni Lhudija-Kristjana li joħloq ambjent sagru fuq il-mudell tas-sala tal-komunità jew sinagoga, li kien tipiku fl-ambjent tal-Palestina. Mis-sejbiet arkeoloġiċi qrib il-Grotta venerata, l-aktar is-sejba ta' munita tas-snin 337-350, nistgħu naslu biex niddataw, bejn wieħed u ieħor, il-bini tas-sinagoga-knisja quddiem l-għar tal-Annunċjazzjoni.

Din il-binja sagra, li kienet l-ewwel waħda fis-serje ta' binjiet sagri fil-Post tal-Annunċjazzjoni, baqgħet wieqfa sas-seklu 6, għax fis-sena 570 l-Anonimo ta' Piacenza jikteb li "d-Dar ta' Marija hi llum bażilika" kif jikteb dwar Kafarnahum: "Wasalna Kafarnahum fid-dar tal-imqaddes Pietru, li illum hi bażilika." Kif diġà għidna, l-kelma "bażilika" tindika tip ta' binja sagra aktar familjari għalina, forma ta' knisja, b'navata ċentrali u navi laterali, b'kolonnat u presbiterju għoli. Din il-binja kienet frott ta' Knisja ġejja mill-Ġentili-Kristjani li, fl-era Biżantina rnexxielhom jaffermaw ruħhom b'mod stabbli fil-Palestina għad-detriment tal-Lhud-Kristjani li kienu ħarsu t-tifkiriet għeżież tal-fidwa matul l-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu.

## Riferenzi:


B. BAGATTI, *Excavations in Nazareth.* Vol. I *From the Beginnings till the XII Century*, Trans. E. HOADE, Franciscan Printing Press, Jerusalem (Collectio Maior, No. 17) 1969;

V. CORBO, *La Chiesa-Sinagoga dell'Annunziata a Nazaret*, in *Liber Annuus* XXXVII (1987), 333-348;

D. PRINGLE, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*, Vol. II L-Z (excluding Acre and Tyre), Cambridge University Press 1998, No. 169-173;

H. FÜRST - G. GEIGER, *Terra Santa. Guida Francescana per Pellegrini e Viaggiatori*, Edizioni Terra Santa, Milano 2017, 103-116.